MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 70/2023-8

It-Tlieta, 25 t'April 2023

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dott. Marlene Cini – Sindku
Is-Sinjura Sandra Grech – Viċi Sindku
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI B'MOD VIRTWALI:**
Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Dott. Marlene Cini.

**70.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

70.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji peress li l-membri kollha kienu preżenti.

**70.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

70.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 69/2023 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

70.2.2 Is-Sindku talbet għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

70.2.3 Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex tigi kkoreġuta 69.4.3.7 billi tinqata l-aħħar parti tas-sentenza '..u li din mhix bankina iżda rampa u t-talba saret għal rampa.' Il-membri qablu.

70.2.4 Is-Sindku talbet għall-approvazzjoni tal-minuti nru 69/2023 u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

**70.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

70.3.1 Is-Sindku, Dott Marlene Cini nfurmat lil membri li l-attivitajiet li saru għal Jum iż-Żebbuġ kellhom konkorrenza tajba. Kompliet tgħid li baqa' biss il-quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja taż-Żebbuġ nhar il-Ġimgħa, 28 t'April. Fuq proposta tal-Kunsillier Daniel Cordina kien hemm qbil li ssir quddiesa oħra organizzata mill-Kunsill bis-sehem mużikali tas-Sna. C Cini fil-Knisja ta' Marsalforn nhar il-Ġimgħa, 5 ta' Mejju 2023 fis-7.00pm.

70.3.2 Is-Sindku nfurmat lil membri li illum irritornaw lura d-delegazzjoni li kien hawn fostna li kienet magħmula minn 24 student u 5 mill-amministrazzjoni tal-Kunsill ta' Lanuvio. Kompliet tgħid li r-relazzjonijiet ta' bejn iż-żewġ lokalitajiet issaħħet.

70.3.3 Rigward il-post ta' Asst. Prinċipal fuq Skala 11, infurmat lil membri li applikaw 4 kandidati. Proponiet u l-membri qablu li l-bord ta' l-għażla jkun magħmul mill-Av L. Magrin (Chairman), M.Attard, B.Saliba/D.Cordina, D.Galea, s-Sindku u Odette Camilleri bħala s-Segretarja tal-Bord.

**70.4 Tweġibiet/Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

70.4.1 *Il-Viċi Sindku, Sandra Grech ressqet dawn il-punti:-*

70.4.1.2 Bdiet billi ferrħet lis-Sindku u lil kull min kien involut biex l-attivitajiet li saru ta' Jum iż-Żebbuġ kienu suċċess.

70.4.1.3 Infurmat lil membri li hemm ħofra fejn l-ATM ta' Marsalforn li tinsab mgħottija b'injama li qiedgħa perikoluża. Ser jiġu nfurmati l-Ministeru għal Għawdex.

70.4.1.4 Sabiex terġa tinżebaħ iż-żebra crossing ta' Triq il-Qbajjar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatha li ġiet approvata mill-Gozo LC Works.

70.4.1.5 Talbet sabiex teħel mera tat-traffiku fi Triq ir-Rabat 'l isfel miż-żebra crossing. Ser issir talba mal-Gozo LC Works.

70.4.1.6 Talbet sabiex issa li riesaq is-Sajf jitwaħħlu bankijiet komdi tul Triq il-Port u fil-Menqa. Ser tintbgħat korrispondenza lil Ministeru għal Għawdex.

70.4.1.7 Talbet sabiex tingħata tfakkira lil Ministeru għal Għawdex sabiex jeħel ir-*railing* fit-taraġ ta' fejn l-Għassa ta' Marsalforn.

70.4.1.8 Infurmat lil membri li attendiet għal laqgħa fejn ġew diskussi l-problemi minħabba persuni ta' kulturi u lingwi

differenti. Proponiet u l-membri qablu li jitwaħħlu tabelli madwar Marsalforn bl-iskeda tal-ġbir ta' skart *multi - lingwal*. Il-membri qablu.

70.4.1.9 Infurmat lil membri li ta' l-Otters FC talbu sabiex għal attivita' tat-tfal li ser issir il-Ħadd tingħalaq Triq il-Wied. Il-membri qablu.

70.4.1.10 Talbet sabiex tinġibed l-attenzjoni tal-Public Cleansing sabiex isir tindif aħjar f'Marsalforn u jinqata' l-ħaxix ħażin.

70.4.1.11 Staqsiet rigward il-fondi tad-DPF għal talba ta' dawl ġdid fi Triq Santa Marija. Is-Sindku nfurmata li d-diskussjonijiet mal-PA qed jiġu fi tmiemhom u l-Kunsill qed jistenna li jiġi ffirmat il-kuntratt.

70.4.1.12 Ressqet ilment minn residenta fiż-Żebbuġ rigward il-konġessjoni tat-traffiku meta jkun hawn xi funeral fiż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li dan jiġri minħabba l-karozzi tal-linja u propona li waqt il-funeral il-karozzi tal-linja jaslu biss saċ-ċimiterju. Is-Sindku qalet li l-Kunsill ipoġġi tabelli tan-no parking u taqbel li waqt il-funeral l-karozza tal-linja tieqaf saċ-ċimiterju. Il-Kunsilliera Daniel Cordina u Baskal Saliba proponew li jitqabbad uffiċċjal tat-Transport Malta mill-Kunsill waqt xi funeral kbir sabiex jikkontrolla t-traffiku.

70.4.2 *Il-Kunsillier Nicky Saliba ressaq dawn il-punti:-*

70.4.2.1 Propona sabiex toħroġ offerta għal *contracts manager* sabiex idur il-lokalita' inkluż il-ġonna pubbliċi u jieħu ħsieb jirraporta bl-affarijiet li jkun hemm bżonn jitranġaw u jikkupja lil Kunsill f'kull korrispondenza.

70.4.2.2 Staqsa x'ġara rigward il-ħajt li kien waqa' fi Triq Wied l-Abjad. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu illi ser issir laqgħa mal-Perit fuq il-post nhar il-Ħamis, 4 ta' Mejju fis-1.00pm.

70.4.2.3 Rigward id-*dragon teeth* li reġet inżebgħet fi Triq il-Knisja, qal li diġa reġew marru s-sinjali peress li ż-żebgħa li qed tintuża mhix tajba.

70.4.2.4 Talab sabiex jinqata' l-ħaxix fi Triq Wied l-Abjad. Is-Sindku nfurmatu li dan se jinqata fil-jiem li ġejjin.

70.4.3 *Il-Kunsillier Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:-*

70.4.3.1 Staqsa meta ser jinbeda x-xogħol ta' wiċċ ġdid bil-konkos f'passaġġ fi Triq Oniċi li kien hemm diġa qbil li jsir. Is-Sindku nfurmatu li dan ser jinbeda l-ġimgħa d-dieħla.

70.4.3.2 Talab sabiex jitwaħħlu t-tabelli ma' l-islipway tax-Xwejni u tiżdied tabella *'Priority to boat owners'* u dan minħabba li d-divers mhux qed iwarrbu sabiex ikunu jistgħu ivaraw id-dgħajjes. Il-membri qablu.

70.4.3.3 Staqsa f'hiex wasal ir-rapport li kellu jsir fi Triq ta' Ċenċ. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill għadd m'għandhux ir-rapport mill-Perit tal-Ministeru.

70.4.3.4 Rigward il-ħajt li nbena f'Tal-Wejżaq ġibed l-attenzjoni li dan ma nbeniex skond is-sengħa. Il-membri qablu li jirranġah N. Zammit.

70.4.3.5 Staqsa jekk kinx hemm xi risposta rigward il-parti tat-triq li qed iċċedi fi Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku nfurmatu li l-Kunsill qed jistenna r-rapport tal-Perit tal-Ministeru.

70.4.3.6 Talab sabiex jitranġa l-passaġġ biċ-ċangatura ta' Triq is-Sellum saċ-Ċimiterju. Il-Kunsillier Nicky Saliba qal li hemm il-Kunsill kien applika biex jipprova jagħmlu pero' kien inqala xi nkwiet bejn il-proprjetarji ta' l-għelieqi. Is-Sindku infurmat lil membri li l-ewwel parti ta' fuq kienet saret talba minn sid ta' proprjeta' sabiex jagħmilha hu a' spejjes tiegħu.

70.4.3.7 Ressaq talba ta' A.Cini sabiex l-arblu ta' l-Enemalta li kien tressaq lejn il-kantuniera minħabba li riedet tibni fi Triq il-

Madonna taċ-Ċiċċri jerġa jitpoġġa fejn kien mill-Enemalta jiġifieri biswit il-proprjeta' tagħha u dan għaliex l-Enemalta jridu jwaħħlu xi *brackets* mal-faċċata tagħha. Kompla jgħid li A.Cini ma tridx il-wires mal-faċċata tagħha minħabba li dawn jinġibdu bir-riħ u jagħmlulha l-ħsara. Żied jgħid li l-Enemalta jridu l-arblu għal post ieħor u għalhekk iridu jneħħuħ. Wara diskussjoni l-membri qablu li għandha tintbgħat korrispondenza lil Enemalta sabiex jitressaq l-arblu bil-bozza b'kollox biswit id-dar ta' min qed jagħmel it-talba.

70.4.3.8 Rigward il-bankina li kellha ssir fi Triq il-Ponta mill-ħaddiema tal-Ministeru u li ilha applikata aktar minn sena. Talab sabiex tintbgħat tfakkira f'dan ir-rigward peress li għamel kuntatt magħhom pero ħadd ma tah risposta. Talab sabiex jiġu kkuntatjati l-Gozo LC Works f'dan ir-rigward.

70.4.3.9 Sabiex isir il-patching neċessarju lejn Triq il-Ponta. Is-Sindku nfurmatu li diġa sar il-patching pero jekk għad baqa' bżonn jerġgħu imorru l-ħaddiema. Il-membri qablu.

70.4.3.10 Talab sabiex tintbgħat tfakkira rigward il-*bollards* li kellhom jitwaħħlu fi Triq il-Port. Is-Sindku nfurmatu li għandha ssir laqgħa mad-Direttur Ġenerali u l-Community Police f'dan ir-rigward peress li hemm xi bollards li jridu jeħlu fuq il-porfido. Żiedet tgħid li l-laqgħa għadha ma saritx peress li d-DG tinsab indisposta.

70.4.3.11 Rigward il-permessi għal makkinarju goff fi Triq il-Port. Talab sabiex ma jingħatawx permessi mill-11am sal-4pm peress li jkun waqt ħin l-ikel fir-restoranti fis-Sajf. Kien hemm qbil li ssir talba lil Transport Malta sabiex fi Triq il-Port minflok fid-9am ikunu jistgħu jibdew jaħdmu fis-7am. Il-membri qablu għajr f'xi eċċezzjonijiet li matul is-Sajf il-permessi ma jinħarġux bejn il-11am u l-4pm.

70.4.3.12 Ġibed l-attenzjoni li d-*double yellow lines* li nżebgħu minn ħaddiem tal-Kunsill fi Triq is-Sagħtrija nżebgħu ħażin.

Sostna li hu dejjem iddefenda lil ħaddiema pero ma jippretendix li ħaddiem jimxi b'dan il-mod. Is-Sindku nfurmatu li ssejħet laqgħa ma' l-Aġenzija tas-CWS. Is-Seg. Eżekuttiv għandha tiġbed l-attenzjoni tal-ħaddiem u jitranġa dan l-iżball.

70.4.3.13 Talab sabiex ix-xogħol ta' l-ipprintjar li jsir jitqassam bejn il-kumpaniji li hawn. Dan ġie infurmat li jinġabru kwotazzjonijiet u l-irħas jingħata x-xogħol.

70.4.3.14 Issuġerixxa u l-membri qablu li tintbgħat ittra bieb bieb fiż-Żebbuġ sabiex ir-residenti jżommu ż-żibel li joħorġu quddiem il-bieb tagħhom u mhux ipoġġuh f'xi kantuniera.

70.4.3.15 Talab sabiex jitnaddaf mit-trab it-triq li tieħdok lejn is-Salini. Il-membri qablu.

70.4.3.16 Talab sabiex jerġa jsir ir-*repainting* tad-*double yellow lines* fix-Xwejni. Il-membri qablu.

70.4.3.17 Talab sabiex il-Perit tal-Kunsill jagħmel pjanta ġdida tat-twessieħ tal-bankini ta' Pjazza l-Assunta tan-naħħa taċ-Ċentru. Is-Sindku sostniet li t-twessieħ tal-bankini għandu jinkorpora l-Pjazza kollha. Talab ukoll sabiex tintbgħat tfakkira lil Inġineer ta' l-Enemalta minħabba l-pjanta tad-dawl tal-Pjazza.

70.4.3.18 Staqsa rigward l-iskema li ħarġet sabiex il-Kunsill ikun jista' japplika għal Kommunitajiet aktar siguri. Is-Sindku nfurmatu li fil-laqgħa preċedenti nfurmathom b'dan u ser tkun qed tissejjaħ laqgħa mas-CPT f'dan ir-rigward.

70.4.4 *Il-Kunsillier Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:-*

70.4.4.1 Talab sabiex Triq Ġoma ssir *one way* għal nofs siegħa filgħodu waqt id-dħul fl-iskola. Il-membri qablu li jitolbu lil Perit tal-Kunsill sabiex iħejji traffic management u wara jintalab il-permess ta' Transport Malta.

70.4.4.2 Talab sabiex teħel id-Dead End fi Trejqet l-Andar. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li din ġiet ordnata.

70.4.4.3 Informa lill-membri li qed teħel il-karozza tal-linja fi Triq Għajn Mhelhel minn fejn ta' l-irħam l-isfel. Il-membri qablu li jiġi mistoqsi l-Perit f'dan ir-rigward.

70.4.4.4 Rigward it-tiswija ta' bozzoz mal-pedestalli ta' Triq Oniċi u Triq Mons Gużeppi De Piro talab sabiex jinstab kuntrattur ieħor għax għadhom mhux jixgħelu. Il-membri qablu li jiġi mqabbad N.Cassar.

70.4.4.5 Talab sabiex issir tfakkira rigward il-*floodlight* li kellha titneħħa minn maċ-ċinta fi Pjazza l-Assunta.

**70.5 Attivitajiet għax-xhur li ġejjin**

Is-Sindku proponiet u l-membri qablu li jsiru dawn l-attivitajiet:

- Tingħata tifkira lil missirijiet għal Jum il-Missier f'Ġunju.
- Issir Ħarġa għal Anzjani f'Malta qabel ma jibda' it-temp sħun tas-Sajf f'Ġunju.
- Meta tispiċċa l-Iskola ssir ħarġa għal istudenti ta' l-iskola primarja bit-train.
- Jitkomplew il-Fitness to Music Classes.
- F'Lulju jsiru 10 sessjonijiet għal dawn il-korsijiet:-

  Arti għal Kbar u Żgħar
  Basic IT
  Cake Decorations
  Bizzilla
  Simulation Shooting
  Kors tal-bini tal-Presepji
  Weaving
  Messy Play

Qablu li kull parteċipant iħallas miżata ta' €10.

## 70.6 Audited Financial Statements

Din l-item ma setgħetx tiġi diskussa peress li l-Kunsill kien għadd baqalu jistenna xi tweġibiet mill-Awdituri fuq il-Financial Statements. Din tħalliet għal laqgħa oħra.

## 70.7 Korrispondenza, ilmenti/suġġerimenti

70.7.1 Korrispondenza mill-AKL sabiex fl-14 ta' Ġunju jinxtegħlu binjiet bl-aħmar fl-okkazzjoni ta' Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm. Il-membri qablu li jinxtegħel il-Kunsill.

70.7.2 Il-membri ġew infurmati bit-Tnedija tal-Viżjoni Strateġika Nazzjonali tal-Gvern Lokali li ser issir nhar it-Tnejn, 8 ta' Mejju f'Dar il-Mediterran fid-9am. Il-membri nnotaw il-kontenut.

70.7.3 Ċirkulari 10/2023 – Inizzjattiva biex fir-Rebbiegħa ma jsirx qtugħ ta' ħaxix selvaġġ. Il-membri nnotaw il-kontenut.

70.7.4 Talba mid-Direttorat għal Wirt Kulturali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex sabiex jerġgħu jibdew isiru l-Marsalforn Mondays f'Marsalforn minn Ġunju. Il-membri qablu. Il-Kunsillier Baskal Saliba propona li jsiru wkoll darbtejn fiż-Żebbuġ. Il-Kunsillier Nicky Saliba staqsa x'ser jiġri din is-sena minħabba l-permessi tal-one day events li jinħarġu fil-front ta' Marsalforn. Is-Seg. Eżekuttiv infurmatu li kull min japplika fuq is-sistema tal-Local Permits jitressqu laqgħa tal-Kunsill għall-approvazzjoni tagħhom.

70.7.5 Talba mingħand G.Cefai sabiex isiru *double yellow lines* faċċata tal-garaxx tiegħu sabiex ikun jista' joħroġ mill-garaxx peress li t-triq dejqa. Il-Kunsillier Daniel Cordina qal li peress dan mhux f'posizzjoni li jinġab il-permess minn għand is-sid tal-faċċata dan is-sinjal għandu jsir li ma jkunx itwal minn ħames piedi. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Kunsillier Nicky Saliba qalu li skont il-policy tal-Kunsill, l-Kunsill għandu jimxi bħal ma dejjem mexa jiġifieri min qed jagħmel it-talba għandu jġib l-kunsens ta' quddiem min ser isiru s-sinjali. Il-laqgħa ġiet sospiża fil-5.50 ta' fil-

għaxija. Il-laqgħa tkompliet fil-5.58 ta' fil-għaxija. Il-Kunsillier Daniel Cordina talab sabiex id-deċiżjoni tittieħed f'laqgħa oħra sabiex ikun jista' jagħmel aktar verifiki.

70.7.6 Talba mingħand F. Grech sabiex tinżebagħ kaxxa safra jew keep clear quddiem il-garaxx tiegħu fi Triq il-Wied peress li qed jipparkjaw il-karozzi. Il-membri qablu li ssir talba ma Transport Malta.

70.7.7 Rigward it-talba li saret mill-Perit John Saliba sabiex issir dikjarazzjoni rigward l-isqaq fi Triq Għajn Mhelhel li hu *serviced by the Local Council*. Il-membri wieġbu li l-Kunsill ma jistax jagħmel din it-tip ta' dikjarazzjoni.

70.7.8 Rigward il-*one meter double yellow line* mal-ġnub tal-garaxx ta' A.Cini fi Triq Għajn Mhelhel, is-Seg. Eżekuttiv infurmat lil membri li ta' maġenba ma jridhomx quddiem il-bieb tiegħu. Il-membri qablu li għandha ssir verifikazzjoni ma' Transport Malta.

70.7.9 Talba mingħand A.Cini sabiex mal-ħadid tar-roti li saru fi Triq ix-Xwejni tiżdied virga oħra ma' l-istess ħadid sabiex ikunu jistgħu jintrabtu aħjar ir-roti. Il-membri qablu.

70.7.10 Talba mingħand J. Muscat sabiex jitwal id-*double yellow line* tal-kantuniera fi Triq Frank Debono sa fejn il-garaxx tiegħu. Il-membri ma qablux.

70.7.11 Is-Seg. Eżekuttiv infurmat lill-membri li saru dawn it-talbiet għal divertiment okkażżjonali:

- 5/05/23 – filming Bajja tax-Xwejni (fejn l-għar ta' Santa Marija)
- 5/05/23 – Private event Xwejni Salt Pans
- 23/05/23 – Private event Bajja tax-Xwejni (fejn l-għar ta' Santa Marija)
- 16/06/23 – Private event Xwejni Salt Pans
- 06/10/23 – Private event Xwejni Salt Pans

70.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Skeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 45/2023 għall-perjodu ta' April 2023 li tammonta għal €44,826.20 ġiet approvata mill-membri preżenti. Il-Kunsillier Nicky Saliba mhux qed japprova l-kont tar-Reġjun t'Għawdex bin-numru 38 peress li dan il-kont mibgħut minnu bħala Environmental Officer fi ħdan l-istess Reġjun u dan qabel ma l-Kunsill jirċievi direzzjoni mid-Dipartiment għal Gvern Lokali jekk jistax il-Kunsillier Saliba japprova dan il-kont.

**70.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-6.15 ta' filgħaxija. Il-membri qablu li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss issir nhar il-Ħamis, 25 ta' Mejju 2023 fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

Dott. Marlene Cini
Sindku

Odette Camilleri
Seg. Eżekuttiv